

# Vittmi tat-Tieni Gwerra wara Tmiemha

*Tagħrif miġbur minn Keith Muscat*

Fl-1945 id-dinja straħet wara snin twal ta' kunflitt imdemmi. Ir-rebħa ta' l-Allejati fuq l-Assi fissret li l-Ewropa setgħet tħares 'il quddiem u tieħu n-nifs wara żewġ traġedji, l-Ewwel u t-Tieni Gwerra Dinjija. Il-gwerra ġġib magħha l-qerda ta' dak li hu l-aktar prezzjuż:- il-ħajja. Iġġib magħha wkoll il-kollass tan-normalità, kif ukoll tigrif f'dak li hu bini, kemm residenzjali, kif ukoll storiku. Id-dinja bdiet tħares lejn l-istorja b'mod differenti:- qabel il-gwerra u wara l-gwerra. Dawn il-kunflitti, li kultant huma inevitabbli, jġibu biss qerda. M'hemm ebda naħa rebbieħa fi gwerra għax dawk li joħorġu minn fuq xorta jkunu tilfu ħafna fil-proċess. Malta, li matul dawn iż-żewġ gwerer kienet kolonja tar-Renju Unit, ma ntlaqtitx direttament mill-ewwel kunflitt, iżda mhux l-istess nistgħu ngħidu li ġara fit-tieni taqbida. Meta d-dittatur Taljan Benito Mussolini allinja ruħu mal-Assi u daħħal lill-Italja fil-kunflitt, kien inevitabbli li Malta, ġeografikament daqshekk viċin tal-Italja u kolonja tal-Ingilterra, ma dduqx minn dan il-morr. Hekk kellu jibda t-tieni assedju għal Malta. Żminijiet koroh li fihom l-art reġgħet issaqqiet bid-demm ta' min qam biex jiddefendiha. Żmien ta' skarsezza, ġuħ u karistija. Żmien ta' tiġrif u tiġrib. Iżda kien ukoll żmien li fih il-poplu Malti reġa' qam u wera xi jsarraf, għax hemm tagħraf jekk il-baħri hux tajjeb; fil-maltemp. Il-qlubija tal-Maltin ġiet rikonoxxuta minn pajjiżi li huma ferm akbar minn dawn il-gżejjer.

*Parti mill-Flotta Taljana ankrata fil-bajja ta' San Pawl il-Baħar*



Il-gwerra ntemmet, imma taħt il-bandiera Maltija tperper kburija bil-*Geroge Cross* kien hemm tiġrif ma' kullimkien. Il-bumbardamenti tal-Assi ħallew ħerba sħiħa, speċjalment fl-inħawi tal-Port il-Kbir. Għalkemm San Pawl il-Baħar jinsab imbiegħed minn dawn l-inħawi xorta kellu s-sehem tiegħu x'jagħti u wħud minn uliedu ġew issagrifikati fuq l-altar imdemmi tal-gwerra. M'iniex se



noqgħod nidħol fid-dettall fuq is-sehem tar-raħal pittoresk tagħna f'din il-ġrajja għax diġà nkiteb ħafna minn min hu ferm aktar ikkulturat minni fis-suġġett. Kif daq l-imrar, ir-raħal tagħna daq ukoll parti mill-glorja, għax l-għada li ċediet l-Italja, nhar it-8 ta' Settembru 1943, parti mill-flotta Taljana ankrat proprju fil-bajja ta' San Pawl.

Il-gwerra ntemmet u biż-żmien il-ġrieħi bdew jingħalqu. Il-Maltin xammru l-kmiem u reġgħu bnew dak li kien iġġarraf. Gerbu s-snin u l-istejjer tal-gwerra saru parti mill-memorja kollettiva tan-nazzjon tagħna. Madanakollu minn żmien għal żmien dan il-monstru jqajjem rasu u jerġa' jaqta' l-għatx bid-demm ta' vittmi ġodda. Għadna sa llum nisimgħu bi stejjer ta' bombi ta' żmien it-Tieni Gwerra li jinstabu waqt li jkun qed isir xi skavar biex isir xi żvilupp. Fl-2009, tifel ta' ħdax-il sena sab bomba, magħrufa bħala *butterfly bomb*, waqt li kien qiegħed jilgħab f'Wied Qirda (Ħal-Qormi). Dan it-tfajjel jista' jgħoddha b'waħda li għadu ħaj. Mhux l-istess jista' jingħad għal raġel ta' 41 sena li fl-1981 spiċċa vittma ta' waħda minn dawn il-bombi, meta mingħarj ma kellu għarfien ta' x'kienet, ipprova jiwweldja ma' kanna.

Tnejn minn ulied dan ir-raħal ukoll spiċċaw vittmi tat-Tieni Gwerra u dan seħħ tmintax-il sena wara li dan il-kunflitt kien intemm għal Malta. It-traġedja taż-żewġ kuġini, Bertu u Tumas Gauci seħħet proprju ħamsin sena ilu. Se nislet minn artiklu ppubblikat fil-ktejjeb tal-festa li l-Każin Banda San Pawl ippubblika fl-1998. Dan li ġej huma l-memorji tas-Sur Paul Bugeja, li kien preżenti meta seħħet din it-traġedja.



***Buttefly Bomb* mijsuba f'Wied Qirda. Ritratt Chris Sant Fournier (Times of Malta)**

*"Kien nhar l-Erbgħa, l-1 ta' Novembru 1961, meta 35 tifel ta' bejn it-8 u t-13-il sena, ħriġna niddevertu flimkien ta' tfal li konna, taħt is-superviżjoni tas-Superjur tal-MUSEUM, is-Sur Ċensu Tanti, illum mejjet. Ħarġa li bdiet f'ġurnata ta' bnazzi, kulħadd jiddeverti u jixxala flimkien. Tlaqna kmieni, fid-9 ta' filgħodu u ġbidna lejn it-Torri l-Abjad, limiti tal-Mellieħa, fejn għaddejna l-parti l-kbira tal-ġurnata nilagħbu fuq ir-ramel. Niftakar li wara nofs in-nhar, is-Superjur kien ġabarna kollha sabiex immorru mixja fl-istess post. Tlaqna, nimbxu wieħed lill-ieħor, sakemm bħal sajjetta fil-bnazzi saret splużjoni kbira liema bħalha. Kulħadd twerwer, u*

*nstema' twerżiq ma' kullimkien. Is-Superjur beda jitlob lill-Madonna biex tgħinu jikkalma u biex ikollu l-kuraġġ jgħin lil min kien fil-bżonn. Kont hekk fil-qrib li rajt liż-żewġ kuġini, wieħed mixħut mal-art u l-ieħor f'għadira demm. Kien hemm tlieta oħra feruti gravi, wieħed minnhom kien ħija stess (is-Sur Salvu Bugeja). Il-paniku kien kbir, 35 morna u 30 ġejna lura."*

Din it-traġedja, li ħasdet ir-raħal kollu, kienet magħmudija tan-nar għas-Soċjetà tal-MUSEUM f'San Pawl il-Baħar, li kienu għadhom kif fetħu ċentru fi Triq Parades, proprju nhar it-30 t'Ottubru 1961. Niftakar lis-Superjur Tanti jirrakkonta kif din kienet waħda mill-ewwel ħarġiet li organizzaw għat-tfal minn mindu bdew il-ħidma f'San Pawl il-Baħar.



***Ġnien Bertu u Tumas quddiem l-entratura prinċipali tal-Iskola Primarja.***

Biex it-tifkira tal-kuġini Bertu u Tumas, ta' 11 u 14-il sena rispettivament, ma tintesiex, il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar, dak iż-żmien immexxi mis-Sindku Paul Bugeja, semma' l-ġnien ta' ħdejn l-Iskola Primarja għal dawn iż-żewġ vittmi tal-gwerra.




***Irħama kommemorattiva li tfakkar l-inawgurazzjoni ta' Ġnien Bertu u Tumas Gauci – 2/12/1997***

L-ibliet u l-irħula ta' Malta u Għawdex, kważi kollha għandhom mafkar f'ġieħ il-vittmi tal-gwerra. F'San Pawl il-Baħar ukoll insibu mafkar li jinsab fi Triq San Pawl, proprju fejn tibda Triq San Ġorġ. Din l-irħama kommemorattiva ftit jagħtu każ tagħha u din hija tassew ħasra. Huwa importanti li nibqgħu nfakkru lil dawn il-persuni li ħallew din id-dinja traġikament bejn l-1941 u l-1942.

Nappella wkoll sabiex tinġabar l-istorja ta' San Pawl il-Baħar tul it-Tieni Gwerra Dinjija, sabiex din l-informazzjoni ma tintilifx.